MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Numru. 962/2003

**Il-Pulizija**
**[Supretendent Carmelo Magri]**

**vs**

**Jeffrey John Brincat u**
**Marvin Zammit**

**Illum, 24 ta' Mejju, 2010.**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Jeffrey John Brincat detentur tal-karta tal-identita` numru 29082(M) u Marvin Zammit detentur tal-karta tal-identita` numru 340286(M).

Akkuzati talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess deposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe`:

Talli fid-19 ta’ Novembru 2003, ghall-habta tal-10.00 ta’ bil-lejl mill-mahzen tal-kumpanija Paul Cutajar Co. Ltd. Li huwa sitwat fi Triq Sannat, Marsa, ikkommettew serq ta’ kwantita` ta’ prodotti bl-isem ‘Mr. Freeze’ ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira u bil-hin;

Talli fl-istess data, hin,  lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess kumpanija, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (LM10) izda ma tiskorrix-il hamsin lira Maltin (LM50); u

Talli fil-lejl ta’ bejn is-17 u t-18 ta’ Novembru 2003, mill-mahzen bla numru sitwat f’Moll il-Braken, Marsa, ikkomettew serq ta’ kwantita` ta’ ghodod u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Maurice Meli Bugeja minn San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin u bil-hin.

Wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati, il-fedini penali tal-istess imputati, u l-ezami taghhom li wiegbu hatja ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom fejn wara giet irtirata minnhom stess.
Wara li rat ix-xhieda kollha prodotti mill-partijiet.

Rat is-sentenza tal-Magistrat Miriam Haymen datata 18 ta’ April 2007, fejn ikkundannat lil Marvin Zammit ghall-piena karcerarja ta’ sena u lil Jeffrey John Brincat ghall-piena karcerarja ta’ sentejn. Rat illi din is-sentenza giet appellata quddiem il-Qorti tal-Appell miz-zewg imputati fejn dan gie deciz finalment fit-22 ta’ Awwissu 2007, u fejn is-sentenza tal-ewwel Qorti giet annullata minhabba nuqqas fl-istess sentenza u ghalhekk irrimettiet l-atti lura lil din il-Qorti sabiex terga’ tghaddi ghas-sentenza.

Rat ukoll is-sentenza esebita mill-Ufficjal Prosekutur biex tigi ppruvata r-recidiva (fol 40-41). Rat f’dan ir-rigward illi d-difiza ezentat lill-istess milli jtella’ l-prova tal-identita` fir-rigward ta’ din is-sentenza.

Ikkunsdrat illi, l-imputat Marvin Zammit ammetta fl-istqarrija tieghu illi huwa kien ippartecipa ghal serqa ta' xi kaxxi minn Mr. Freeze. Ammetta ukoll illi l-vettura li intuzat u cioe` Skoda EAQ-232 kellha *number plates* foloz u ammetta wkoll il-partecipazzjoni tieghu ta' xi ghodda minn go garaxx li qieghed gewwa l-Power Station.

Min-naha tieghu Jeffrey John Brincat ukoll ammetta l-partecipazzjoni tieghu fis-serq ta' Paul Cutajar. Ammetta li din is-serqa saret bil-karozza Skoda ta' missieru u li ghamlilha number plates foloz. Ammetta ukoll serqa ta' mutur Yamaha.

Illi l-Qorti, wara li rat l-andament tal-process *de quo* li ha numru ta' snin, ghalkemm hija konvinta illi l-akkuzi kollha kif dedotti kontra l-imputati gew ampjament ippruvati, pero` thoss illi l-komportament taghhom tul il-process kien wiehed tajjeb hafna hekk kif ukoll konfermat mill-*Probation Officer* John Testa u mid-Direttur tal-Habs Abraham Zammit.

Illi ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 325 tal-Kap, 9 u 21, 22 u 23 tal-Kap, 446 ghal dak li jirrigwardja l-imputat **Marvin Zammit** ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 (1) tal-Kap. 446 qed tpoggih taht *probation order* ghal perjodu ta' sentejn fejn ghandu jitqabbad persuna apposta ghal dan il-ghan.

Illi ulterjorment, wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280 u 325 tal-Kap 9 u 15 (1) (2) (3) tal-Kap 65 u r-regolament 127 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 kif ukoll l-Artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap 446, ssib lill-imputat **Jeffrey John Brincat** hati ta' dawn l-akkuzi u tilliberah mir-reat ta' ricettazzjoni in kwantu akkuza alternattiva kif ukoll mill-akkuza kkontemplata fl-ittra h tar-rinviju u cioe` ta' griehi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 (1) tal-Kap 446 qed tpoggih taht *probation order* ghal zmien sentejn fejn ghandu jitqabbad persuna apposta ghal dan il-ghan. Illi minhabba li giet imposta din il-*probation order* din il-Qorti ma hijiex ser timponi l-ebda sospensjoni ta'

licenzja tas-sewqan fil-konfront tal-imputat ta’ Jeffrey John Brincat u dan sabiex ikun jista’ jkompli bix-xoghol tieghu.

Din is-sentenza ghandha tigi notifikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------